# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 261/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Philip Borg**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Philip Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 429954M talli gewwa l-Hamrun u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar is-27 ta' Dicembru 2010 wara nofsinhar u fil-granet ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Opera, ippromwova, biegh jew ippartecipa jew b'kull mod li jkun ghen jew hajjar l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat;
2. Aktar talli ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu meta ma kienx awatorizzat mill-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi;

3. Aktar talli biegh jew offra ghall-bejgh gugati tal-lottu pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Mejju, 2016 li biha wara li rat l-Artikoli 3, 4, 5, 6, it-tielet proviso tal-Artikolu 67(1) tal-Kap 438 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 18 tal-Kap 9 u l-Artikolu 13 tal-Kap 70, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena minn dak il-jum u kkundannatu ghall-piena ta' multa ta' sitt mitt Euro (€600). Iddikjarat l-azzjoni bhala preskritta fir-rigward tat-tielet imputazzjoni w lliberatu minnha. In oltre ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9, l-Artikolu 72 tal-Kap 438 u l-Artikolu 19 tal-Kap 70 ordnat il-konfiska tas-somma ta' disat elef, tmien mija u sittin Euro (€9,860) esebita fl-atti bhala Dok KZ 1 favur il-Gvern ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appellant Philip Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonfermaha** fejn sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkonfermaha fir-rigward tat-tielet imputazzjoni li hija preskritta filwaqt li tirriformaha u **tvarjha** in kwantu ghad-decizjoni tal-konfiska tal-flus fl-ammont ta' €9,860 u konsegwentement tordna r-rilaxx ta' din is-somma jew kwalsiasi somma ohra favur l-appellant;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravam singolari li jista' jkun sintetizzat li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ordnat il-konfiska tal-flus misjuba fuqu dwar fatti li taghhom instab hati fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni. L-appellant instab hati mill-ewwel Qorti talli *inter alia* li opera u ppromwova bejgh ta' loghob mhux awtorizzat kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 438 u li ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu minghajr awtorizzazzjoni kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 70 tal-ligijiet ta' Malta. Dawn iz-zewg Kapitoli llum huma mhassra u nkorporati fil-Kapitolu gdid bin-numru 583;

2. Illi l-Qorti tal-Magistrati, wara sejbien ta' htija f'dawn iz-zewg imputazzjonijiet, ordnat il-konfiska tal-flus li kienu jinsabu fuq u igifieri l-ammont ta' €9,860.00 mqassma f'zewgt ibwiet tal-qaliziet tieghu. B'dan l-appell, ghalhekk, l-appellant qieghed jitlob biss ir-revoka ta' din il-parti tas-sentenza li biha kienu konfiskati dawn il-flejjes;

3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, jehtieg li jkun deciz punt sollevat mill-appellant wara li l-appell tieghu thalla ghas-sentenza u kien rikjamat fuq talba ohra tieghu;

4. L-appellant, permezz ta' rikors fil-mori tal-appell, wara li ppremetta illi r-reati li taghhom kien akkuzat ma kienux

ghadhom in vigore, talab s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tkun appuntata seduta u jitratta dwar dan il-punt. Il-Qorti kienet laqghet it-talba sabiex tisma' lill-partijiet u l-appellant ressaq l-argument illi issa li iz-zewg kapitoli tal-ligi li dwarhom instabet htija huma mhassra, allura isegwi li ghandu jkun liberat mill-imputazzjonijiet li dwarhom instab hati. L-appellant ressaq diversi argumenti in sostenn tal-argument tieghu li la darba l-artikolu 57(1) tal-Kapitolu 583 hassar minghajr rizerva il-Kaptioli 438 u 70, allura isegwi li ghandu jkun liberat minn dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom kien misjub hati. L-Avukat Generali ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni;

5. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinoltra f'diskussjoni fit-tul dwar dan ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, l-appellant ma talabx sabiex iressaq aggravju gdid. Il-punt minnu sollevat ma jistax jitqies bhala aggravju gdid li hu permess biss f'kazijiet eccezzjonali u b'awtorizzazzjoni tal-Qorti. Fit-tieni lok l-appellant ma ressaq ebda appell dwar is-sejbien ta' htija u ghamilha cara f'dawn il-proceduri illi l-appell tieghu hu limitat ghall-konfiska tal-flus konsegwenza tas-sejbien ta' hitja tant illi talab ir-riforma tas-sentenza appellata bil-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza li fiha l-ewwel Qorti sabet htija fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni u f'dik il-parti li fiha lliberatu mit-tielet wahda;

6. Ghalhekk jista' jitqies illi s-sejbien ta' htija ghadda in gudikat kontra l-appellant u l-esekuzzjoni ta' din il-parti tas-sentenza naturalment hija sospiza b'effett li jgorr mieghu l-appell fuq il-konfiska tal-flus.

7. Jissoktaw ghalhekk il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti ghar-rigward it-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata. Issa

fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti elenkat ir-ragunijiet ghaliex kienet qed tordna l-konfiska tal-flejjes esebiti u dan principalment ghaliex l-appellant ma ppruvax, lanqas fil-grad tal-probabbli, li dawn il-flus ma kienux provenjenti mill-promozzjoni ta' loghob mhux awtorizzat jew mill-azzjoni tieghu ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu meta mhux awtorizzat. L-appellant kien xehed illi dawk il-flus kien fi hsiebu jmur iqieghdhom f'*safe deposit box* il-bank izda kien sofra *puncture* u ghalhekk iddecieda li jmur l-ghada peress illi kien sar il-hin. Dawk kienu provenjenti mis-salarju tieghu ta' €1,000 fix-xahar, kien ihalli l-flus id-dar ghaliex ihobb jilghab u li kien ukoll sejjer biex ihalli depozitu ghal btala f'lukanda ghalih u ghal bintu fi zmien il-Milied. L-appellant kien xehed li kellu xi dokumenti biex juri li kien rebah il-flus izda minkejja li inghata zmien biex igib l-istess u jressaq xhieda in rigward, ddikjara li ma kienx ghad fadallu provi;

8. Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta fir-ragjonament taghha dwar in-nuqqas tal-appellant li jipprova b'mod sodisfacenti, anke jekk fil-grad tal-probabbli, li dawk il-flus ma kellhomx provenjenza illecita konnessa mal-imputazzjonijiet li taghhom instab hati. L-ewwel Qorti ghamlet analizi klinika tac-cirkostanzi kollha dwar dawn il-flus u ghalhekk ma tara xejn irregolari fil-konsiderazzjonijiet u konkluzzjoni taghha;

9. Issa, anke li kieku din il-Qorti kellha tikkontempla t-thassir taz-zewg disposizzjonijiet taht iz-zewg Kapitoli li jaghtu s-setgha lil-Qorti li tikkonfiska l-oggetti bhala konsegwenza tal-piena, l-ewwel Qorti indikat ukoll li kienet qed taghmel hekk bis-sahha tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9, liema artikolu jiddisponi li jaghti s-setgha lill-Qorti li tordna konfiska tal-'corpus delicti'.

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud u konsegwentement it-terminu ta' sena mpost bis-sahha tal-artikolu 2 tal-Kap 446 jibda jiddekorri mil-lum. Il-Qorti spjegat fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti taht l-artikolu appena msemmi.